# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, 1 TA AŬISSU, 1912. NRU. 25.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## MIN HU IL PAPA

F'cull gemgħa ta nies hemm bżonn li inti issib il xi ħadd li imexxi l'oħrajn, jieħu ħsiebhom; u lilu cull-ħadd għandu jobdi. Jecc ma icunx hemm dan, din il gemgħa ta nies jeŭ *società* mhux biss li ma tistax tgħaddi il kuddiem, iżda tispiċċa fix-xejn. Għaldakstant fil gemgħa ta nies li insejjħula il *familja* insibu il cap, li actarx icun il missier, li għandu jaħseb għall gid taħħa, imexxiha u fukha għandu il jedd, bħala sultan żgħir. Il cap insibuħ f'cull *società* oħra jeŭ għakda ta nies: hecc ucoll fir-riġmenti, fil bastimenti, f'li schejjel, fil krati, fil bliet.

Jecc issa għakda żgħira ta nies taħtieg min imexxiha, chemm actar taħtieġ dan għakda ta nies cbira? Liema poplu jista igħix mingħajr cap? Liema saltna? Issa barra minn daŭn il għakdiet collha li semmejna tinsab ŭaħda ŭisk actar minn daŭn collha cbira, u din il għakda tissejjaħ il Cnisja li m'hix ħaġ'oħra ħlief il gemgħa tal insara collha li għandhom fidi ŭaħda, jitpaxxeŭ b'li stess sagramenti u igħixu taħt cap ŭieħed. Tista din il għakda hecc cbira li tiġbor nies minn cull art u ta cull ilsien, tgħix u tgħaddi il kuddiem mingħajr ma icollha min imexxiha? Jecc il dan tneħħi, ma tcunx ictar il Cnisja, għaliex, scond ma għedna ġà x'in hi din, titlob dejjem il cap. Ma tcunx actar għakda għax ma icollhiex min jieħu ħsiebha u imexxiha.

Iżda il Cnisja li bħala cap taħħa, li ma jidhirx, għandha il Gesù Cristu, kalgħet min għad Dan cap li jidher u li hu f'locu: u dan hu il Papa. Jecc int, immela, ixxebbaħ il Cnisja lil familja, il Papa hua il Missier: jecc ixxebbaħħa lil belt, il Papa hua il cap tal belt: jecc ixxebbaħħa lil xi saltna, il Papa hua is-sultan: jecc int, imbgħad, mal Evangelju, ixxebbaħħa lil merħla cbira, il Papa hua ir-ragħaj cbir, tant tal ħrief (l'insara) chemm tan-ngħaġ (l'iskfijet).

Gesù Cristu stess ħaseb biex dan il Cap, li hu il Papa, jatiħ il Cnisja u għalhecc mar ikiegħed il San Pietru bħala gebla, li fukha chellu jibni il Cnisja tiegħu: jigifieri biex icun dac li jinducraha, imexxiha u iżommha. Mar iġħidlu biex iŭet-tak il ħutu (l'Appostli) fil fidi—mar jati lilu ŭaħdu (jigifieri b'mod specjali) dac li tà lill'Appostli ilcoll flimchien, jigifieri is-setgħa li jorbot u iħoll.

Lilu mar iŭiegħed li chellu jatiħ l'imfietaħ tas-Sema. Lilu il jedd u id-dmir li jieħu ħsieb mhux biss il ħrief, imma ucoll in-ngħaġ (jigifieri mhux biss l'insara, li huma is-seculari, imma l'iskfijet ucoll, chif għedna kabel).

Billi dac li għamel Cristu chellu jibka għal dejjem, għax sat-tmiem taż-żmien għandha tibka il Cnisja fuk l'art, hecc is-setgħa li tà lill'Appostli u lill San Pietru chellha ucoll fil Cnisja tibka għal dejjem. U chif l'Iskfijet ŭirtu is setgħa tal Appostli, hecc l'Iskof ta Ruma, li hu is-successur ta San Pietru, ŭiret is-setgħa li dan chien kala minn għand Cristu, li icun il Cap tal Cnisja collha.

Gesù Cristu ma għamilx ħafna cnejjes, imma Cnisja ŭaħda. Chienu l'eretici, li ma bakgħux fil veru tagħlim ta Cristu, u ix-Xiżmatici li riedu jinagħżlu mil Papa, l'Iskof ta Ruma, li riedu jagħmlu il cnejjes, chif isejjħulhom huma *nazzjonali*, jigifieri ta din jeŭ dic in-nazzjon, bħallichiecu il Cnisja Griega, il Cnisja Russa, il Cnisja Ingliża); jeŭ *acefali*, jigifieri mingħajr ras jeŭ cap; jeŭ *indipendenti*, jigifieri li jimxu għal rashom, bla ma jobdu Cap ŭieħed. Gesù Cristu, nerġgħu ngħidu, għamel Cnisja ŭaħda, jeŭ ġabra uaħda ta insara, li għal dakstant giè lilha mogħti il lakam ta *cattolica*, jigifieri *ta cullimchien* għaliex f'ġabra ŭaħda, tgħakkad in-nies ta cull ilsien u ta cull art. Ara chemm hu hecc, li Cristu dejjem xebbaħħa lil saltna ŭaħda u lil merħla ŭaħda. Anzi, Cristu dejjem ried *l'unità* fil Cnisja tiegħu, jigifieri ried li f'collox u għal collox tcun ŭaħda. Ŭaħda għax icollha li stess fidi u titpaxxa b'li stess sagramenti. Ŭaħda ucoll għax tcun taħt trigija ŭaħda, taħt cap ŭieħed. Għal dan ŭisk talab Gesù lill Missier Divin tagħna, specjalment fl'aħħar icla li għamel mal Appostli. U għalhecc, biex dan iseħħ, Hu mar iŭakkaf fil Cnisja tiegħu is-setgħa tal Papa, setgħa li mar dejjem juża San Pietru, li chien ħatar bħala belt, minn fejn imexxi il Cnisja, dic ta Ruma; setgħa li ŭarajħ użaŭ il mitejn u sittin Papa li geŭ ŭarajħ, sal Papa ta 'llum, il maħbub Piju Għaxra.

X'chien isir mil Cnisja li chiecu ma gietx fiha imŭakkfa din *l'aŭtorità* jeŭ setgħa tal Vigarju ta Ġesù Cristu, li hu il Papa? Jecc inħarsu daksxejn lejn l'imsejcna cnejjes li infirdu mil Papa u ma riedux jagħarfu actar is-setgħa tiegħu, naraŭ biċ-ċar il Providenza t'Alla meta mar jiħtar Cap ŭieħed viżibbli, jigifieri jidher, għall Cnisja tiegħu. Il fidi f'bosta minn-hom tbiddlet u titbiddel spiss; biċ-ċa mis-sagramenti magħmula minn Gesù Cristu geŭ irruftati. Fihom ma tidherx dic il kdusija cbira (*eroica*) li tidher f'bosta membri tal Cnisja Cattolica; il miracli, li f'din katt ma jaktgħu, f'daŭc ma jingħataŭx. Hecc, fost tant religjo-nijet foloz, fost tant ereżiji, fost tant xiżmi, il Cnisja Cattolica ŭieħidha tidher ħaġa ŭaħda (*unita*) fit-tagħlim, fil fidi u fit-tregija, għalchemm uliedha huma miljuni, u miljuni im-xerrdin ma cullimchien.

Dina il għakda cbira tal Cnisja Cattolica taħt cap ŭieħed, li hu il Papa, tgħaġġeb lill'istess għedeŭŭa tagħna. M'hux għageb, immela, jecc bosta fost l'eretici u ix-xiżmatici jieħduha contra il Papa, u lilu tant drabi taŭħ titli l'actar coroħ: jafu l'imsejcna li hu il gebla, li torbot

dan il bini sod u kaŭŭi, li hi il Cnisja Cattolica.

Ghal din li stess raġuni, l'insara collha(u aħna il maltin m'aħniex minn tal aħħar) isejjħu il Papa bl'isem ta Missier u iħobbuħ b'imħabba ta ulied. Iva: il Papa, icun min icun, Taljan, Ingliż, Franciż, ma hua katt ghalina barrani, iżda hu biċċa minn kalbna, u inħobbuħ bla ma naraûħ, u nibkghu inħobbuħ sa ruħna toħroġ.

DUN CARM ŻAMMIT.

## Ħakkna!

Aħna ħelŭin iż-żejjed mal barranin: u, ghad li dan juri demm tajjeb fîna, huma, mita jinżirtaŭ faċċoli u ħorox, jieħdu ir-riħ fukna. Tat-tmellis li aħna immellsuhom, iħallsuna bit-tcasbir !

Din il ħabta, 'mbaghd, fost il barranin l'oħra, kieghdin jaħkruna ŭisk bi cliemhom it-Taljani—l'actar, fil gażetti ta Skallija.

Biex niftehmu seŭŭa, kabel ma nissuctaŭ il-kuddiem, m'aħniex nghidu dan ghat-Taljani (Skallin jeŭ ta xakliba oħra) li kieghdin haŭn Malta, ghax daŭn jistmaŭna u ma 'rridux inghemgmu minnhom; imma ghal daŭc il *bżieżaħ minfuħa*, taparsi chittieba cbar, li ighaddu xi ġurnata haŭn u imbaghd imorru *iħarrfu* fukna fil gażetti taħħom.

Chif tghid il *Malta*—ghax aħna l'*Ora* ta Paliermu ma nakraŭhiex, u ma nafux chif setghu igibuha ghall bejħ, ladarba hi *scumnicata* mill'Arci-Iskof taghna—chif tghid, mela, il *Malta*, ŭieħed, li deher bl'isem ta *M. Pedrazzi* (iżda min jaf min hu, u x'jismu, u x'jaghmel, ghax bejn Malta u Skallija ghandna neŭl ta *ħottaba* gejjin u sejjrin bil *mercanzija*), chiteb fl'*Ora* kżieżijet cbar contra taghna, u *kamaż* ghalina ghax inżommu mal Papa,u ghajjarna li irridu nagmluha ta Ingliżi, u kal li aħna *ħafna bghula*; u biex juri seŭŭa chemm hu imdorri jissaħħam fil ħama, mita ma sabx x'ighid actar, daŭŭar ghan-nisa, ħâdha saħansitra mal ghonnella li jilbsu u paspar chemm ried fukhom. Il gieħ tan-nisa taghna, li jista jokghod ma genb u fuk il gieħ tan-nisa tal Italja u ta cull art oħra tad-dinja, ma iridx li aħna intennu haŭn dac li kal dan it-Taljan ta Tripli: imma ŭaħda nghiduha: kal li, *chemm dâm haŭn, ma 'rnexxielux jiltaka ma mara seŭŭa* (SIGNORA RISPETTABILE); u li in-nisa maltin, *minn taħt il ghonnella, jaghmluha ta Sorijet u b'ghajnejhom jistiednu ir-rgiel ghall ħażen* !

L'eŭŭel nett, irridu infaccru lil dan ir-*ragel cbir* li, chif kâl hu, ilu ighix Barberija (u, milli naraŭ, ma jixraklux ighix band'oħra) li żeŭġ Taljani cbar tas-seŭ—il Papa Lèuni Tlittax u l' Arci-Iskof ta Serkusa (Monsinjur Bignami, ħaj u mimli bil ghomor) faħħru bosta il ghonnella tan-nisa maltin u ŭisk actar faħħru il ġabra u l'onestà-taħħom. Monsinjur Bignami, is-sena l'oħra, sejjaħ il *ghonnella tan-nisa taghna*: «Sbejjħa u nobbli fil ghamla, milbusa b'satra cbira u jixirkilha l'isem ta *libsa eŭcaristica.*»

X'kabża minn Taljan ghal ieħor ! Tghid il min jemmnu daŭc li jakraŭ il gażetti ta Skallija? Ghax it-*Taħdita* tal Arci-Iskof Bignami chienet ingiebet fil *Corriere di Sicilia*, li joħroġ ucoll minn Paliermu !....

Imm'aħna naghdruħ dan il faħxi ta Pedrazzi, ghax, forsi, *fis-saghtejn* li dâm haŭn Malta, billi ghandu fid-demm ghall *Cattolici* u ghall *Papa*, f'loc li mar jara in-nisa taghna mighburin fis-Santŭarju Tal-Carmnu (kalulna li chien haŭn nhar l'erbgha tal gimgha l'oħra), daħal jifliħom il Korti t'isfel: u hemm sata jara tas-seŭ katgha nisa *bil ghonnella* minn daŭc li kal hu: imma chienu collha, collha sal inkas ŭaħda, *nisa skallin* !

Li hu *ħmar* mil cbar nett u *ghiddieb* mix-xeħta ta daŭc il *ħottaba* li semmejna ftit ilu, jidher minn żeŭġ ħŭejjeġ li l'*Ora* ma sthatx iġgiblu: l'eŭŭel ŭaħda, kal li «Ruggieru Normannu tà il gżira ta Malta lill Cavalieri ta San Ġŭann,» fil ŭakt li saħansitra in-nemel ta Paliermu imissu jaf chemm il *mit sena* chien ilu mejjet il Conti Ruggieru mita Carlu Ħamsa baghat haŭn il Cavalieri, ghax Malta u Skallija ghandhom *Storja ŭaħda*—u dan ifisser li il *gharef* Pedrazzi inkas jaf li *Storja ta Pajjiżu*; l'oħra, ħarref li il «*Barracca ta fuk* chienet *cimiterju* u fiha ħafna kobra *antichi* moħbijin taħt il ŭard u is-siġar,» fejn inchixef li tchellem fukha minghajr ma daħal iżurha u actarx mar iħażżeż dac li bellghu xi ħadd, biex ighaddi iż-żmien biħ, chif chien jixraklu. Is-sargu tal Port jinkabad b'gamblu jinten—ighid il Malti !

Dàri, chienu kieghdin biex iżebilħuna il gażetti ingliżi: u daŭc ma conniex nieħdu ghalihom, ghax nafu li, billi m' aħniex demm ŭieħed, fil cburija bla-kies taħħom jaħsbu li m'haŭnx ħliefhom fid-dinja u lîlna f'ghajnejhom jaraŭna żghar u ta *razza* oħra ! Conna nidħcu bit-tmakdir u bil ghideb ta daŭc il gażetti; jeŭ, l'iżjed, mita conna naħbtu nieħdu ghalina, biex nitfarrġu malajr conna niftħu li *Storja taghna u taħħom* ! Imm' issa, mindu tkanklet il gŭerra ta Tripli, ghamlu ghalina il gażetti taljani, actarx ghax jidhrilhom li haŭn min iżomm mat-Toroc ! U ma nghidux li ma haŭnx, ghax dan minn aŭl-id-dinja li Poplu sħiħ, f'ħaġa bħal din, ma jistax icun collu ta fehma ŭaħda: difatti, l'Italja stess hemm partit contra il gŭerra: imma haŭn ucoll min iżomm mat-Taljani u ma haŭnx ftit li joktlu ghalihom. Min huma, mela, il *bghula* li saħħnu ras Pedrazzi? Daŭc li iżommu mat-Taljani jeŭ daŭc li iżommu mat-Toroc ? Jindocra tajjeb chif iŭiegeb, ghax jista jicser sakajħ kabel ma jintebaħ fejn tà id-dakka ! Le: m'aħniex *bghula*, la tal Ingliżi u inkas tat-Toroc: *bghula* huma daŭc li, biex jaghmluha tal *ghorrief* u tal *ħelŭin*, jicħdu il *demmhom*. U mita dan il ħajjen ta Pedrazzi jirnexxilu jitghallem seŭŭa li *Storja ta Skallija*, fejn isib li il Maltin, bħala gidd sħiħ, m'humiex ta *nisel imħallat*, icollu jistkarr li ħadd ma hu *bghal* ħliefu !

G. G.

## Fiex it-taljan ma jaħbilx mal-malti

(*jissocta man-numru 24*)

Fit-taljan il-persuni tat-tempi collha tal-verb jissaŭru bl-ittra jeŭ bit-taksimiet li bihom *tispiċċa* l-chelma: ara *AMo*, *AMiamo*, *AMarono*. Fil-malti l-persuni tal-passat biss jissaŭru bl-ittra jeŭ ittri li bihom *tispiċċa* l-chelma: l-aroist (li jŭiegeb ghall present ta' l-indicattiv, tas-sungiuntiv u tal-condizzjonal, u ghall futur tat-taljan) u il-particip jissaŭru bil-consonanti li biha *tibda* l-chelma; ara (1) ghal dac li hu passat: *carcarT*, *carcarTU*, *carcarNA*, *sfarT*, *sfarNA*, *sfarET*, *sfarTU*; (2) ghal dac li hu aorist: *Ncarcar*, *Tcarcar*, *Jcarcar*; *Nisfar*, *Tisfar*, *Jisfar*; (3) ghal dac li hu particip *Mcarcar*, *Musfar*.

It-taljan ghandu tliet conjugazzjonijiet, ŭaħda ghal cull classi ta' verbi. Il-malti ghandu conjugazzjoni ŭaħda ghall classijiet collha. Nieħdu, biex ma nsemmux ħlief erba' classijiet, il-verbi *fetaħ*, *ksar*, *farfar*, *karar*, li minnhom lebda ŭieħed ma hu tal-classi ta' l-ieħor: u nieħdu ucoll l-imperattiv taghhom *iftaħ*, *ksar*, *karar*, *farfar*. Jecc inżidu ma' *tarf cull omma* l-ittri *t*, *et*, *na*, *tu*, *u*, u ma' *bidu cull imperattiv* l-ittri *n*, *t*, *j*, *m*, insibu li ŭara li nbiddlu jeŭ inneħħu xi vocali, u minn dakkiet bla ma nbiddlu jeŭ inneħħu xejn, icollna s-suriet collha ta' daŭc l-erba' verbi.

Il-futur u il-condizzjonal tal-verbi taljani jsiru bis-sura ta' l-infinit flimchien massuriet *ho*, *hai*, *ha*, *avemo* (floc *abbiamo*) *avete*, *hanno*, ghal dac li hu futur; u *avei* (floc *ebbi*), *avesti*, *ebbe*, *avemmo*, *aveste*, *ebbero* ghal dac li hu condizzjonal: suriet li huma tal-verb *avere* fis-sens ta' *dovere*. Ara *temer-ho*, *temer-hai*, *temer-ha*, *temer*-(av)*emo*, *temer*-(av)*ete*, *temer-hanno*; *temer*-(av)*ei*, *temer*-(av)*esti*, *temer-ebbe*, *temer*-(av)*emmo*, *temer*-(av) *este*, *temer-ebbero*. Il-futur jeŭ condizzjonal malti, li hu l-aorist, isir bis-sura ta' l-imperattiv flimchien ma' l-aħħar consonanti tal-pronomi *jien*, *int*, hi (hij): ara *jie*N-AĦDEM, *in*T-AĦDEM, *hi*J-AĦDEM, *jie*-N-FUR, *in*T-FUR, *hi*J-*FUR*. F' kadim iż-żmien il-pronom malti *hi* (hija), chif jidher minn xi ctiba tal-Fenici, chien maschil floc *hu*: ħaġa li xejn ma tghaggibna mita nafu li fl-ingliż tal-lum *sun* (xemx) hi maschil u *moon* (kamar) femminil, il maklub ta' chif chienu fl-ingliż ta' dari u ta' chif in-huma sal-lum fit-tedesc, mnejn ħadhom l-ingliż.

(*Jissocta*) G. VASSALLO.

## Ma dûar il Gżira.

—L'eŭŭel nett, niżżu-ħajr lill Cumitat tal *King's Own Band*, li ghoġbu jistieden id-Direttur tal *Ħabib* ghall festa tal ftuħ taċ-Circlu il ġdid, fil *Palazz Spinola*, Strada Rjali (ħdejn il Borża). Imbaghd, inħabbru li din il festa saret nhar is-sibt li ghadda, fil ħamsa ta ŭara nofs in-nhar, b'ghadd cbir ta mistiednin. Chif chien dmir taghna, morna aħna ucoll: u, milkughin mis-Sinjuri tal Cumitat, żorna iċ-Circlu minn isfel sa fuk nett: hemm il ŭisa u hemm collox imkassam bil ghakal. Ŭara li ir-Reverendu Patri Gatt, Cappillan tal Parroċċa taċ-Circlu, bierec il post collu: it-Tabib Ruggieru Sajd, bħala President, ghamel *Taħdita* sabiħa bit-Taljan: u iddichiara iċ-Circlu miftuħ. Imbaghd, sar trattament lill mistiednin, fejn is-Sinjuri tal Cumitat daru huma stess b'cull-ħadd: u raġa ghamel *Taħdita* oħra il Marchis Ramir Barbru. Fl'aħħar nett, il President ŭira ix-xeŭka li jitchellem xi ħadd ieħor: u id-Direttur tal *Ħabib*, bħala l'actar anzjan (miż-żmien) fost il *Ġurnalisti* li chienu jinsabu hemm, feraħ, a nom ta li *Stampa ta Malta* ta cull leŭn, lill President u lill Cumitat, fil ŭakt li il mistiednin xorbu bis-saħħa taħħom u taċ-Circlu il ġdid. Chellu applaŭs mita kal: «Ma nafx f'liema Belt ta barra minn Malta jinsabu żeŭġ Baned hecc formali, b'żeŭġ Circoli hecc cumpiti, mita il Gvern ma ighinhom xejn, anzi donnu irid ifixchilhom.» Il festa ghalket bi trattament ieħor.

—Fl'14 ta Lulju, festa tar-Republica Franciża, indakket fil belt ta Vincennes, il *Marcja* li chien chiteb is-Sur Mast Vitaliti ghall *Concors* tal Argiel: u krajna fil gażetti franciżi li inghoġbot ŭisk u chellha applaŭsi cbar minn eluf ta nies. Nifirħulu b'kalbna collha, ghax dan jaghmel onur lilu u lîlna. Il Captan Blémant, Direttur ta li Scola tal Mużica Militari ta Vincennes, Cavalier tal *Legjun tal Onur* u Fizzjal tal Istruzzjoni Pubblica, chiteb lil ŭieħed ħabib taghna: "Nixtiek nista infissirlec il pjacir li ħadna jen u il banda tieghi mita dakkejna *erba' darbiet* il Marcja tal bravu u imsemmi Direttur taghna Giuseppi Vitaliti. Il Marcja

ghamlet *success cbir* (*eclatant*) u cull darba chellna nerġghu *intennuha*. Jen inħossni hieni ŭisk li nista, flimchien mal ferħ tal Poplu collu, nghakkad tieghi u nghid *Bravu* lil Sieħbi is-Sur Mast Giuseppi Vitaliti. Niżżi-ħajr lill Cumitat ta *La Vallette*, li silifni iċ-cilindri, tal bżonn ghall Marcja; u hecc jen gejt sgur li toghġob ferm. Narġa niżżi-ħajr lill'Aŭtur u lill Cumitat, bit-tâma li ghad incun nista narġa nisma il banda *La Vallette*.»

—Nifirħu ucoll lis-Sur Levanzin, li, daŭn il ġranet, rajna ir-ritratt tieghu f'gażetta ta Boston, bil bandiera tal Esparantisti f'idejħ, kalb ħafna Sinjuri, irgiel u nisa. Dan ifisser li mhux biss l'Esperantisti ta Boston lak-ghuħ ghandhom, imma taŭħ il post tal onur u iccunsidraŭħ bħala l'acbar ŭieħed fosthom. Cull-min iŭassal l'isem ta Malta fil bliet il cbar,tal Eŭropa u tal America, ħabib taghna!

—Ir-Reverendu Dun Carm Żammit, D.D., li illum ghandcom haŭn, fil *Habib*, articlu sabiħ tieghu, raġa stampa li *Storja tal Madonna ta Lies*, li chien chiteb, snin ilu, il Cavalier Achille Ferris, (dac ucoll, chif ighid *Daleth* tal *Malta*, ma chienx jicteb bil Malti ħlief *ħrejjef*). U aħna nirriccman-daŭ lill karrejja collha taghna li jaraŭ chif iħassluha dic li *Storja*, ghax ta min icun jaf ha.

—Ma dac li ghedna il gimgha l'oħra fuk il Culleġġ tal *Frers* ghandna inżidu li, fl'Eżamijet tal Liceo, *ghat-tielet classi* geŭ *prim* A. Crockford u *second* C. *Vella*, *ghar-raba classi* giè *prim* J. Manchè, ghall *ħames classi* giè *second* C. Ghio u mieghu ghad-deŭ ucoll E. Debono, J. Handerson u C. Attard; u ghas-*sitt classi* giè *prim* Ginu Muscat-Azzopardi u mieghu ghadda ucoll Edgar Savona—collha b'punti tajjba ta iżjed minn 66 fil mija. Nerġghu nifirhulhom.

—Stitut ieħor li jaghmel onur cbir lid-Direttur tieghu, bħalma ghedna ftit ilu, hu dac tal Professur Ŭigi Billion. Minnu ghaddeŭ ghall Liceo *ħdax* il tifel, li huma daŭn: Giuseppi Borġ, ta *disa' snin*—Edgar-du Colombo u Carmelu Borġ, ta ghaxra—Giuseppi Schembri, Giuseppi Falzun, Carlu Azzopardi, Nericu Samut u Gŭaltieru Carŭana, ta ħdax—Nericu Samŭel u Anto-nju Żammit, ta tnax—u Carlu Casolani, li giè *prim* ghall *ħames* classi. L'oħrajn ghas-*sitt classi* u collha b'punti tajjbin. Nifirħu lis-Sur Mast Billion u lill familji taħħom.

—Nhar il ħadd li ghadda, fil ħdax ta fil ghodu, saret it-tieni *Lakgha ta cull ħadd* (SEDUTA GENERALI) fil Palazz Caraffa: u marret tant tajjeb li, ŭara ħafna mistoksijet u ħafna tifsir, collox bil qŭiet u bil ghakal, spiċċat b'applaŭs lill President u lill Cumi-tat mill' Imsieħbin collha.

—Reġghu bdeŭ gejjin l'ittri biex jistaksu-na ghandniex xi aħbar fuk mita bi ħsiebhom ineħħu is-sarima tal clieb, li, f'daŭn ix-xhur tas-sajf u b'din is-sħana li kieghda taghmel, la ma haŭnx bżonnha, hi chefrija cbira! Aħna ucoll naħsbuha hecc: imma l'acbar trux dac li ma iridx jisma: u il gażetti l'oħrajn collha ħanbku bħalna ghal-xejn. Min jiccmanda, jaghmel il Ligi: u la hemm il Ligi, tajjba jeŭ ħażina, jaħtieġ nokoghdu ghaliha bil kima collha.

—Nhar il ħamis li ghadda, is-Sorijet ta Santu Ŭistin, li ghandhom li Stitut tat-tagh-lim ħal Kormi, chellhom, bħalma ħabbarna, il festa tal premijet: u il bitħa ta dac li Stitut, ghad li tant cbira, chienet mimlija bħal bajda bl'aħjar nies ta dac ir-Raħal u b'mistiednin oħra mil bliet u mir-rħula ta daŭc l'inħaŭi. Chien hemm l'Arci-Iskof, li chien imdaŭŭar bil Provincjal ta Santu Ŭistin, bil Patri-Majjistru Farrugia, bil Cap-pillan ta ħal Luka (Dun Anton Vella, D.D.), bir-Reverendu Dun Giorġ Mifsud-Ellul, D.D.,M.A., u b'ħafna Sacerdoti u Sinjuri oħra. Ŭara li tcantaŭ inni u geŭ recitati poe-żiji u indirizzi, bit-taljan u bl'ingliż—ŭara il farsa *La Principessina* u id-djalogu *The recompense of the work*— saret ucoll Ope-retta ħelŭa ferm, bl'isem ta *La festa della Nonna*, fejn ghoġbuna ŭisk ghall ħeġġa taħħom is-Sinjurini E. Gulia (fil parti tan-*Nanna*), L. Muscat-Fenech (fil parti tas-*Seftura xiħa*) u C. Calleja (fil parti tan-*Nep-putija*). Cantaŭ tajjeb tas-seu u irrecitaŭ ta delettanti mill' aħjar. Ma dan collu, ureŭ il ħila taħħom u ta min ghallimhom is-Sinju-rini collha li ħâdu sehem fil festa: imma biex ma 'ntaŭŭlux, ma nokoghdux insemmu bl'i-sem ħlief oħra biss —is-Sinjurina Ines Gal-des, bint it-Tabib Paŭlinu, ħabib ta tfulitna, li, fil poeżija bit-taljan *A Monsignor Pietro Pace*, uriet chemm chienet kieghda tifhem u tħoss dac li chienet kieghda tghid u tât xhieda tal *accent taljan* li ħâdet minn fomm is-Sorijet ta dac li Stitut.—Imbaghd, intagh-taŭ il premji, tat-taljan, tal ingliż, tal arit-metica, tal geografija, tal catechiżmu, ta taghlim ieħor u tax-xoghol (raccmijet ta cull ghamla, minn fuk l'abjad sa bid-deheb, biz-zilli, filoxx u ħŭejjeġ hecc, li, chif nifmuha aħ-na, huma ta fejda ghall bniet daks li scola, jecc mhux actar): u, fost tant oħrajn li ħadu il medalji u iċ-certificati, insemmu is-Sinju-rini Emma u Ines Galdes, E. u L. Muscat-Fenech, C. Calleja u C. Xŭereb, li ħarġu b'sidirhom mghotti bil medalji.Ma' nsemmux daŭc collha li ħâdu il premji ghax ma nafux isimhom, chif conna nixtieku: imma nifir-ħulhom collha bil kalb u ŭisk actar nifirħu lill familji taħħom. Fuk collox, imbaghd, nifirħu lis-Superjura, Suor Maria Chiara Ceccarelli,u lis-Sorijet taħħa: u niżżuhom-ħajr tal gid cbir li kieghdin jaghmlu f'pajjiżna.

—Niżżu-ħajr u nifirħu lill ghażiż ħabib taghna Cmandatur Fonsu Galea, li ghoġbu, chif bona grazzja tieghu hu imdorri, jibghat-ilna il ctieb Numru 119 tal *Moghdija taż-żmien*. Dan il ctieb ta 82 faċċata, imsemmi minnu *Il ghadd bil ghaxra fl'użin u il chejl*, ŭasal f'ŭaktu: u, barra minn ħafna tifsir lill Poplu fuk il Ligi il ġdida, juri ċar bħad-daŭl tax-xemx, ghad li b'dac il Malti li *idaħħac in-nies u idardar*, x'in hu minn ghankudu is-*Sistema decimali*; u nifhmu li, jecc jakraŭħ, jistghu jitghallmu xi ħaġa minnu mhux biss li sculari, imma xi *mghall-min* ucoll tal *Aritmetica*. Mela, fi ftit cliem, żidna *ħrafa oħra* fil *Ġabra tal cotba maltin!*

—Il ħabib taghna Dun Anton Vella, D.D., Cappillan ta ħal Luka, baghatilna articlu sabiħ ŭisk fuk il *Cungressi Eŭcaristici* li saru s'issa: articlu ta fejda cbira, ghax fuk l'esempju ta li mghoddi jurina dac li gejj: imma, billi ŭaslilna ftit tard, icollna incheija fina inħalluħ ghall gimgha id-dieħla. Dac li chitbilna fuk ħaġ'oħra conna diġà ħsibna ghaliħ aħna, chif chien dmir taghna: imma niżżuħ-ħajr ucoll.

—Chellna maħdum u lest ghal taħt il mâgna articlu tŭil—l'itŭal ŭieħed li ctibna s'issa ghal haŭn—fuk *Plinjo* u *Daleth* li fil *Malta* casbru chemm felħu il *Lsien Malti* u il *Habib*, bis-sensja u chif jidher bil ghaxka tad-Direttur ta dic il gażetta: imma, fl'aħħar mument, sibna li ghandna bżonn ta ħafna ŭisa ghal ħŭejjeġ li ma nistghux inħalluhom ghall gimgha id-dieħla: u chellna inħallu lilu barra. Icollcom tistenneŭ tmin ti jem: iżda min jistenna jithenna.

## Tinseûx

li, nhar il ħamis, 8 t'aŭissu, fis-*sitta* ta fil ghodu, isir il funeral ta Patri Vella, fil Cnisja tal Geżŭiti. Jixrak li mill'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* ma jonkosx ŭieħed.

## Il Kalb chiefra ta Neruni.

Sur Direttur tal *Habib*,

L'aħħar darba ctibtlec fuk il kalb ħanina ta Piu Disgha: did-darba ser nghid xi ħaġa fuk il kalb ħażina ta Neruni, ta dac il bniedem ta draŭŭiet u gibdiet tal annimali.

Hu bħal ŭirja ta kalb vili dac li sejjrin naraŭ.

Harsu lejn dac ir-ragel gharŭien, jitcghaŭ-eġ mal art, fost ugiħ u liŭi l'iżjed cbir, ighajjat, jitgħaŭŭeg u jitcherraħ; dan hu im-sejchen ta 'rsir, li fuk gismu kiegħdin jippruvaŭ il kaŭŭa tal valenu.

U bilkiegħda, b'mincbu il lemin mistrieħ fuk dhar is-siġġu, ħusbien, ta kalb giefja u ħażina, hemm żaghżuħ ŭiċċu imfakka, li għandu mil bhejjem, bi ġbinu baxx, imgis-sem, fuk tieghu: araŭħ b'għajnejħ fuk dac l'imsejchem muġuħ u ruħu ħierġa.

Hdejn iż-żagħżuħ, iżda bil kiegħda iżjed fil baxx, u b'mincbejha poġġuti mingħajr ebda kima fuk ircoptu, b'kagħda ta cunfi-denza cbira, hemm xiħa, li mill'imgiba u mil lbies tagħħa, donnha saħħara tal infern. Dic ix-xiħa hi Locusta: u iż-żagħżuħ li hemm ħdejha hu Neruni. Dina id-dehra hecc ħarxa ta tcagħŭiġ tal meŭt kiegħda issir f'camra imŭarraba tal palazz imperjali.

Locusta chienet tifhem ŭisk fis-sengħa tal veleni. Fid-dlam tal-lejl, chienu imorru id-dŭejra tagħħa, Nobbili u Cbarat.... Minn xi dakkiet, ħabta u sabta, xi Senatur, xi Proconslu, xi Rsira mifdija, xi impjegati cbar oħra chienu imutu għal għarrieda fi pranzu, ŭara l'icunu xorbu ftit imbit ta Falernu u chielu xi ħleŭŭiet ta toghma l'ac-tar tajjba.

Ġurnata ŭaħda, Locusta giet arrestata u iccundannata fuk il-ligi. Iżda il ħabs ma għamlilhiex ħaġ'oħra ħlief cattrilha il parruċ-ċani, u fost l'oħrajn il ŭisk għanja u potenti familja imperjali.

Agrippina, biex tkiegħed fuk it-tron l'iben tagħħa Neruni, bit-tama li 'mbgħad tcun tista tmexxi hi l'imperu talbet lil Locusta velenu, li ma jittendix biħ l'Imperatur—żeŭgħa Claŭdiu. Sgur li chiecu induna bil ħsieb u il maneġġi ta martu, ma chienx iħalli it-tron lil binha Neruni, iżda lill Brit-tannicu, ibnu u bîn Messalina, għalchemm «dan il velenu neħħielu id-dehen u kassarlu ħajjtu».

Locusta tât lill Agrippina il velenu, li Alato ŭieħed minn ta ma dŭar l'Impera-tur tafa fi platt bil funghi ŭara li chien dakhom kuddiem Claŭdju.L'Imperatur chien xebgħan u chellu msarnu juġgħuħ. Agrip-pina nixfet fiha 'nfisha, imma kaltlu li it-tabib tieghu Senefonte kallha sabiex ixxarrabblu griżmejħ, u hi daħħlitlu rixa imċappsa bit-toscu.

Chif miet Claŭdju, ħa it-tron Neruni, iżda ma dâmetx ma ittendiet li cull-ma għaż-let sarilha suf. Binha li ħasbet li tista tagħ-mel li trid biħ, malajr ħareġ mix-xbjec tagħħa. Hu, li chien jaf ŭisk tajjeb l'ommu u chien jibża li tekirdu b'xi velenu, billi diġà chienet daret ma Brittannicu, li allura chellu ħmistax il sena, ŭaħħal f'rasu li jekred lir-rival tieghu, għalhecc bagħat għall Locu-sta fil palazz tieghu. Iżda, billi l'eŭŭel

velenu li lestietlu ma irnexxiex, Neruni iccmanda l'isaûtuha bil virghi. Haûn Locusta ûieġbet li tlesti ieħor iżjed kaûûi; u f'li stess anticamra tiegħu, Neruni ġaghla tippreparaħ fuk dac ir-rsir.

It-tir chien magħmul għal ûakt il pranzu. Il prinċpijet ma chienux jeclu fuk li stess mejda tal Imperatur, iżda f'mejda oħra. F'dic il mejda chien jinsab Brittannicu ma mistednin oħra. Haûn Brittannicu talab xi xorb sħun, li is-serv, li chien mixtri għaddelitt, neûûelulu: iżda billi chien iżjed sħun mis-soltu, Brittannicu talab l'iżidulu bl'ilma, u hu ħallatulu b'dac il velenu ta Locusta. Minnufieħ l' imsejchen princep stabat mal art nofsu mejjet. Il mistiednin scantaû; x'uħud ħarbu; iżda daûc li chellhom id-dehen ħarsu lejn Neruni. Hu għamel ta bir-ruħu li ma jaf b'xejn u kallhom: « Soltu tiegħu jatiħ tal kamar, ghax ilu ibati biħ minn ċcunitu; bil-mod-il-mod igħaddilu collox u jigi f'tiegħu.» Agrippina li chienet hemm presenti, fhemet dan is-sigriet, iżda gharfet ucoll taħbi lin-Neruni il fixla u l'ugieħ ta kalbha. Brittannicu ħarġuħ il barra mitluf u ûara ftit miet, intuscat minn ħuħ. Ûakghet ftit tal ħemda, iżda 'mbaghd il briju tal pranzu issocta.

Dan collu jirraccontaħ Tacitu, ûieħed mill'icbar Chittieba Latini, li chien fid-dinja meta Neruni tà il martirju lill San Pietru u lil San Paûl.

Giuseppe Micallef Goggi.

## MILL'INGHILTERRA

52, Regent Str.
Barry Dock
South Wels
20 ta lulju, 1912.

Maħbub Sur Ġużè,

Nitolboc li takra din, bħalma jen bil kalb nakra il *Habib.*

B'daûn il ftit versi sejjer nitolboc li nieħu ftit tal libertà li ngħarrfec dac li jen nixtiek incun naf per mezz tal maħbub u imfaħħar ġurnal il *Habib.*

Dac is-Sinjur li chien għamillec il mistoksijet fuk il culuri tal abiti sagri u tal purtieri li ighattu bihom il Qûadri minn ħadd Lażżru sal Ghid, ma nafx chif ghadu ma gieħx l'intellett li jistaksic għaliex il *Madonna ta Loretu* ma ipingjuhiex culur ûieħed—biċċa mil cnejjes igibuha *Seûda* u xi oħrajn igibuha *Bajda!* Din curżità cbira għaliħ ...

Krajt li issa Malta hemm l' *Unjoni Cattolica* b'li scola, li minnha haûn jen priv. Nixtiek inressak ûieħed minnhom, haûn Londra, kuddiem il famus Catidral *San Paûl* (tal *Protestanti)* u nuriħ b'sebgħi fuk il Porticu fejn hemm il *Conversjoni* fil Frontispizju irsaltata, u fuk il būieb tal Porticu nurieħ in-Naûfragju tal cbir Missierna il Maltin fuk bassu-riliev u hecc tissocta li storia tiegħu. Geûûa, mbaghad, fuk l'artal żeûġ candlieri b'żeûġ xemghat, żeûġ fjuretti, ventartal, Salib, coppla famusa tal mużajc bl'erba' Evangelisti—u allura nghidilhom (lill Protestanti): Mela, mhux aħna biss Idolatri? Stenna: u xi nghidu għal bandieri tal gûerer kieghdin hemm ucoll, bħala memorja, chif jafu il Maltin li geû Londra?

Addio: jena niġri mad-dinja u il *Habib* dejjem mieghi.

Mita krajt dac li ctibt fuk l'aħħar erbgħa tal Udienza, ksamtli kalbi; u jecc tasseû hemm ûieħed kieghed jicteb contra ir-Religjon tagħna, dac m'hux bin San Paûl, dac m'hux Malti.

Inselli għal daûc collha li iħobbu il Malta bħalec.

Istaksi ghalija strada Santa Lucija, numru..........*

Jen is-Serv tieghec

E. R.

## Ma dûar id-dinja.

—L'Imperatur tal Ġappun jinsab marid ghall meût: ilu bosta ġranet mitluf: l'aħħar telegramm igħarrafna li kieghed jiħżien dejjem iżjed u li il poplu jinsab miġbur kuddiem il Palazz jitlob ghall fejkien tiegħu: iżda ftit tâma hemm u il meût kieghdin jistenneûha minn siegha ghall' oħra. Chien maħbub ûisk.

—Praga (Portugall), ûara it-kankila tar-Realisti sabiex jarġġhu ikieghdu fuk it-tron il Emanûel Sultan taħħom, saru bosta arresti u fosthom hemm ucoll tliet fizzjali u ħafna surgenti, li geû itturrufnati fl'antic cunvent li chellhom il Giżûiti. Lisbona, certu Almeide, fizzjal, giè mil Korti Marzjali iccundannat għal sitt snin turrufnament fejn ma jarax nies u għal ghaxar snin ta eżilju jeû maghluk għal ghoxrin sena geûûa fortizza.

—Ghall aħħar tax-xahar, il *Prince of Wales* chellu iħalli ghal-collox Franza.— Xi ftit ġranet kabel il firda, il President tar-Repubblica ta Franza chellu jatiħ il Cbir Curdun tal *Legjun tal Unur* u ûara chellu jati pranzu (tal gala, chif isejjħulu) ghall'Addiju.—Il *Prince of Wales* fil ftit xhur li kaghad hemm gharaf jinħabb bosta mil Franċiżi.

—Il Ministru tal gûerra tal Italja gharraf li in-numru ta prigjunieri toroc, mil bidu tal gûerra, hu ta 88 fizzjali, 57 sutta-fizzjali, 160 capurali u 1430 suldati.

—Mindu bdiet il gûerra tat-taljani fi Tripli, il Gvernijet collha ordnaû b'għaġla cbira numru kaûûi ta *areoplani.*— Franza, mil poplu ingabret s'issa is-somma ta *mija u ħamsin elf lira ingliżi,* u ghadhom jiġbru.

—Minn New York xterdet aħbar li il Captan ta Titanic, li chien minn cullħadd miżmum b'mgharrak, ghadu ħajj.— Ighidu li certu Captan Pryal, li chien jaf tajjeb il Captan Smith ta Titanic, għaliex mieghu chien baħħar, intaka mieghu Baltimora, fit-triek ta *San Paûl.* Hu intaka ma bniedem li chien jixbaħ ħafna il Captan Smith, ghad li bil leħja imkaxxra, resak fuku u staksieħ jecc hux il Captan Smith: imma dan talbu li ma itellfux żmien, għaliex chellu affari mghaġġla. U Captan Pryal compla jimxi ûarajħ u raħ dieħel f'Agenzija mnejn xtara biljett ghall Washington.— Il Captan Pryal jassigura li ma tkarrakx u li dac il bniedem chien tas-seû il Captan Smith ta Titanic.— Hu stkarr li ma icunux emmnut u sejjer jiġi mghoddi b'miġnun; iżda ma jarġax l'ura milli kal.—Iżidu ucoll li Captan Pryal hu ragel seûûa u religjus, ghaldakstant m'hux capaci li jigdeb: tarġa, giè eżaminat minn tabib li sabu b'moħħu seûûa. Billi xejn ma smajna iżjed minn bosta ġranet, bdejna naħsbu li l'aħbar chienet xi *ħrafa* jeû chif ighidu illum xi *Americanata.*

—L'Albaniżi, ghad il il Gvern Torc, billi jibża minnhom, kieghed iżieghel bihom, mexjin dejjem il-kuddiem: fil 21 tax-xahar kabdu Prischtina u ghaldakstant is-Suldati chellhom iciedu l'armi.

L.M.C.G.

(*) La darba ma ghoġbux jaghmel ismu sħiħ, jidhrilna li inkas ma ghandna naghmlu in-numru ta fejn kalilna nistaksu għaliħ, ghad li staksejna u sibna collox seûûa.

Id-Direzzjoni.

Mil Lucerna tal Ħajja:—17. Ûakt it-tiġrib u it-tinghiż jinchixfu klub il bniedmin jecc huma faċċoli jeû kaddisin.

✝

B'ghasra ta kalb cbira, sejjer inħabbar il meût chiefra tas-Sur Mast ta li Scola ta Bormla:

GIUSEPPE GALEA,

li miet nhar il ħadd, 28 ta Lulju.

Chien bniedem ta kalbu tajjba, caritativ u umli, u fuk hecc chien migjub ûisk mis-Superjuri tieghu.

Alla jati is-sabar lil niesu u lilu il mistrieħ ta dejjem.

R. I. P.

A.G., Assistent

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### Taħbit il moħħ.

I.

PL 4 IEgT AT

K

I. M. A.

II.

N TA M
I ∀ƖNIᗡ I
M N

GIÈ
u
CoL LOX

G. Sciberras.

L'aħħar loghob chien:

Ix-Xarada:

*Fel-lus*—fellus.

It-Taħbit il moħħ:

*Dac fanfru cbir.*

Giebuħ tajjeb: mil Belt, is-Sinjurina T. Mizzi u is-Sinjuri Piju Borġ, G. Schiberras, Achille Farrugia u Paûlu Camilleri Bezzina— mil Furiana, is-Sur G. Micallef — mill'Imsida, is-Sur G. Attard—mill'Isla, is-Sinjuri Antonju Grima u Censu Carûana— mil Birgu, is-Sur Ġużè Micallef—mil Ħamrun, ir-Rev Canonicu F. Saliba u is-Sur Fredu Perez—u minn Għaûdex, (C. A, li hu Sacerdot mill'actar imsemmijin, iżda ma iridx ingibu ismu) u is-Sur Dûardu Grima (*San Laûrenz*)